MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-27 ta' Lulju, 2009

Numru 1363/2007

Il-Pulizija
(Spettur Therese Sciberras)

vs

Rafik Khemiri

Il-Qorti.

Rat l-akkuzi riportati kontra l-akkuzat ta' karta ta' identita' numru 355405L akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn it-3 u l-4 ta' Novembru 2007 gewwa l-Qawra f'xi hin:

1. attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew hebb kontra PS 342 J.Said, PS 715 L.Gatt, PC 210 S.La Grasta, cioe' persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi mill-awtorita'

kompetenti – bi ksur ta’ l-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezza jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 95 tal-Kap 9;

3. ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta’ persuni inkarigati minn servizz pubbliku u cioé PS 342 J.Said, PS 715 L.Gatt, PC 210 S.La Grata u ma halliex jew fixkilhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b’xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li bil-ligi jkun ordnat jew jista’ jaghmel jew billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi jew b’xi mod iehor – bi ksur ta’ l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9;

4. kien taht l-influwenza ta’ xorb alkoholiku cioe’ fis-sakra b’mod li ma setax jiehu hsieb tieghu nnifsu – bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal-Kap 9;

5. fil-pubbliku qal xi kliem oxxen jew indecenti li kien ukoll jikkonsisti f’dagha – bi ksur ta’ l-Artikolu 338(bb) u 342 tal-Kap 9;

6. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku – bi ksur ta’ l-Artikolu 338\(dd) tal-Kap 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza issir sommarjament, mhux opposta;
Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat.

Mill-offizi li bihom hu mixli l-imputat huma l-ewwel u t-tieni, cioé l-attakk u resistenza u l-ingurji jew theddid kontra ufficjali pubblici li jinnecessitaw li jigu indirizzati l-ewwel u dana billi jekk jissusistu jistghu talvolta jassorbixxu l-offizi

kontravenzjonali li bihom l-akkuzat huwa wkoll mixli. Issa l-misfatt li ta origini ghad-delitti allegatament kommessi mill-akkuzat hu li fil-gurnata u hin riportati fl-akkuza huwa intrometta ruhu fil-qadi tal-Pulizija waqt li kienu fuq xogholhom jinvestigaw persuna li dwarha kellhom suspett li kienet illegalment fil-pajjiz. Il-Pulizija kienu fil-fatt qeghdin jaghmlu fil-kors tax-xoghol taghhom xi spezzjonijiet f'xi hwienet il-Qawra u f'wahda minn dawn l-ispezzjonijiet innutaw din il-persuna gewwa hanut tax-xorb bl-isem 'Wise Guys' gewwa l-Qawra. Mix-xhieda li semghet il-Qorti jirrisulta sodisfacjentement li l-Pulizija agixxew skond il-ligi u kienu qed jwettqu servizz pubbliku skond il-ligi. Ghal dak li jirrigwarda l-offiza taht l-Artikolu 95 (Kap 9), li huwa kontemplat bhala delitt, jirrisulta mill-okkorrenza esebita mix-xhud PS 342 illi t-theddida, anka jekk velata, tista' tintgharaf fil-kliem 'Malta zghira u insibkom zgur' soggetta ghall-piena tal-kontravenzjonijiet. Ghal dak li jirrigwarda l-offiza taht l-Artikolu 96 (Kap 9) din ghandha tirrizulta fuq l-iskorta tax-xhieda ta' l-istess PS 342 li stqarr li l-akkuzat "pprova jirresisti l-arrest billi beda jghati u cioe' jxejjer il-ponn u saqajh u jobzoq fid-direzzjoni taghna' (vide wkoll l-okkorrenza esebita mill-istess xhud).

Illi gjaladarba l-Qorti ser issib l-akkuzat hati tal-ewwel zewg akkuzi bl-applikazzjoni tal-Artikolu 17(d) tal-Kap 9 isegwi li l-offizi l-ohra li bihom hu wkoll akkuzat jinsabu assorbiti billi huma ilkoll ta' natura kontravenzjonali.

Tiddeciedi ghalhekk wara li rat l-Artikolu 95, 96 u 17(d) tal-Kap 9 li tikkundanna l-akkuzat ghall-piena ta' sitt xhur prigunerija li pero' bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 qeghdha tissospendi ghall-perjodu ta' sena mill-lum.

Il-Qorti spiegat lill-akkuzat ir-responsabiltajiet tieghu a bazi ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------